# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU: 2876

**Kaz Numru: 3829/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn**

**Petar Angelovski (0127765(A))**

**U**

**Vince Zammit bħala ezerċenti**

**fil-kummerċ bħala Coral Café'**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta**

**Chairperson: Is-Sinjura Doreen Parnis M.Adv.,LLb Dip. LP; M.A. B.A., P.G.C.E,**

**Nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar, 2023**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors mill-Avv. Elaine Deġiorġio f'isem Peter Angelovski fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar it-13 ta' Marzu 2020, fejn iddikjarat illi t-tkeċċija minn mas-soċjeta' Intimata ma' saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Petar Angelovski li minn issa l-quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent, kien assistit mill-Avv. Elaine Deġiorġio.

Coral Cafe li minn issa l-quddiem ser tissejjaħ is-Soċjeta' ntimata' kienet irraprezentata mill-Avv. Clint Tabone u l-Avv. Paul Borg.

**<u>Fatti fil-qosor tal-kaz</u>**

Ir-rikorrent kien jaħdem bħala waiter u barman mas-soċjeta' ntimata għal izjed minn tliet snin. Huwa jgħid li dejjem għamel xogħlu u darba minnhom fit-12 ta' Ottubru 2019 kelllu bzonn ikun assenti u avza lis-sidien b'dan u minfloku bagħat kollega tiegħu. Dak inhar stess filgħaxija huwa ġie tterminat permezz ta' telefonta minn iben is-sid. Ġie mitlub ukoll jirritorna ċ-ċwievet tal-ħanut għax kien fdat jiftaħ il-ħanut. Ir-rikorrent jgħid li ma ġiex imħallas ta' ġimgha xogħol u sitt (6) ġimgħat notice period, inkluz ħlasijiet oħra dovuti lilu u pagi doppji. Ta' dawn hemm rapport quddiem id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi.

Minn naħa tagħha fit-tweġiba s-Soċjeta', qalet li hija tgħid li r-rikorent irċieva diversi twissijiet verbali dwar xogħol mhux imwettaq sew. Is-soċjeta' tgħid li l-kaz idur mal-fatt li r-rikorrent naqas li jattendi fuq il-post tax-xogħol biex imur jagħmel xogħol ieħor ma' terzi. Is-soċjeta' tgħid li dan kien kaz pre-meditat u arbitrarjamanet iddeċieda li kollega tidħol floku. Is-soċjeta' tgħid ukoll li minkejja dan kollu huwa ġie offrut li jirritorna lura għax-xogħol imma r-rikkorent irrifjuta.

Ġabra fil-qosor tax-xhieda

Denise Zammit permezz ta' Affidavit, li tiġi l-mara tal-intimat qalet li lir-rikorrent l-ewwel kienu impjegawh bħala waiter u wara bdew jafdawh tant li offrewlu wara l-bar u jieħu ħsieb ukoll il-cash register u flus. Għadda z-zmien u meta l-mara tar-rikorrent ġabet passaport Bulgaru, x-xhud qalet li r-rikorrent inbidel mil-lejl għan-nhar. Dan billi darba qallhom li issa ħadd ma jista'jkeccih u beda jasal tard għax-xogħol, iqqata' ħin twil fuq il-mobile, ma beda joħroġ qatt minn wara l-bar l-anqas biex jagħti daqqa' t'id meta jkun hemm ħafna klijenti u jippreferi li l-café jikshilhom. Meta kien ikun hemm xi ordni ta' take away lil klijenti li joqoghdu fil-qrib, waiter normalment imur inewwlu bil-pass, izda r-rikorrent ma kienx imur; qabad u biddel ix-shift u ddecieda minn jeddu l-ġranet li mhux se jibqa' jidħol billi ftiehem ma ' waħda mill-waiters biex tidħol minfloku għax-it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgha ma riedx

jaħdem aktar biex ikun ma' martu. Ix-xhud qalet ukoll li l-klijenti diversi drabi qalulhom li l-cafetteria qed tagħlaq qabel il-ħin u ġieli kienu jkunu jieklu, u qabel il-ħin tal-għeluq idawwar it-tabella li l-ħanut issa għalaq u ordna lil waiters oħra jbdew itellgħu s-siġġijiet fuq l-imwejjed.

Ix-xhud qalet li huma kienu jħallu lilu bħala l-persuna nkarigata mill-ħanut fl-assenza tagħhom. Ix-xhud irrakuntat ukoll kif fit-12 ta' Ottubru 2019 kien jaħbat gheluq zmien wieħed minn uliedhom u kienu se jagħmlu festin zgħir fil-kafetterija għal qrabathom u r-rikorrent kellu jidħol xogħol, izda sagħtejn qabel infurmahom li ma' jistax u se jdaħħal lil xi ħadd minn floku għax kellu xogħol ieħor. Ix-xhud qalet li qaltlu biex jekk mhux se jmur xogħol, itihom iċ-ċwievet lura. Ir-rikorrent wieġġb li ried l-ittra tat-terminazzjoni u l-aħħar tliet payslips u ma riedx li jidhlu l-Qorti.

Ix-xhud qalet ukoll li kull Lulju ken jieħu xahar sħiħ leave biex imur pajjizu u huma kienu jtuh il-leave kollu bil-quddiem. Hekk ġara meta ddeċieda li jitlaq hu f'Ottubru u mhux huma keċċewh kif qed jallega.

Għall-kontro-ezami qalet li hija tiġi l-mara tal-propjetarju u hi proprejtarja wkoll u kienet tkun spiss fil-ħanut, li issa m'għadux tagħhom u tawh lil ħaddieħor. Hija qalet li fil-bidu kellhom jirregistraw lir-rikorrent bħala fattiga biex jingħata permess jaħdem magħhom, għax bħala waiter ma kienux jinghataw permess la ma kienx Malti u l-anqas ġej minn xi pajjiz Membru Stat tal-Unjoni Ewropeja. Ix-xhud qalet li għall-ewwel kien jaħdem sew u ma kellhomx xi jgergru minnu. Qalet ukoll li kull sena r-raġel tagħha kien iġeddidlu l-kuntratt biex jingħata permess jibqa' Malta. Hija kkonfermat li kien ilu jaħdem magħhom mill-5 ta' Settembru 2016 fuq kuntratt indefinit. Qalet ukoll li meta ġab permess biex joqgħod Malta, inbidel u qallha 'issa ħadd ma jċaqlaqni minn hawn'. Ix-xhud qalet li kien jilgħab bil-mobile, jiġi klijent iħallilu l-café jiksaħ qabel itihulu. Hija qalet li l-karattru tiegħu nbidel anke magħhom. Ix-xhud qalet li qatt ma tawh twissijiet bil-miktub għax kien ipattihielhom mal-klijenti u kien jissuppervja. Pero, qalet ix-xhud kemm il-darba tawh twissijiet verbali u jiġbdulu l-attenzjoni. Fost l-għaġir tiegħu ta' ritaljazzjoni, qalet li jew ma kienx jaqdi xi klijent, jew ma jirrispondix it-telefon jew jidħol fit-toilet u ma joħroġx. Hija qalet li kellu karattru li jpatthielek. Hija qalet li kellha klijenti li kienu jgħidulha' kif nittawwal mal-ħgiega u nara lilu ma nidħolx'. Ix-xhud qalet li qatt ma keċċewh għax ma kienux sabu min jaħdem floku u kellhom jistaportuh u jiddubbaw bih. Hija qalet li kienu jagħlqu l-ħanut fl-10pm u wara jibqgħu jnaddfu hi u mpjegati oħra, izda hu kien jitlaq bi skuza jew oħra. Izda l-għada kienet tara xi ritratti li kien jaħdem bħala security wara li kien jitlaq mill-ħanut. Qalet ukoll li ġieli kellha titlaq mill-ħanut hi u/jew zewġha u jħalluh waħdu u waqt il-ħin li suppost il-ħanut ikun għadu miftuħ, isibu s-siġġijiet imtellgħin u lest biex jagħlaq. Ix-xhud qalet li l-ħinijiet tal-ħanut kienu mis-7am sa nofs il-lejl, u kienet tkun trid li x-xift jinbidel fl-4pm, izda r-rikorrent kien għazel li ma jaħdimx it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa u l-ġranet l-oħra jaħdem il-ħin kollu hu biex itella' l-erbgħin siegħa xogħol. Hija ma kienitx qablet imma kellha taċċetta x-xewqa tiegħu. Hija qalet ukoll li kien ir-rikorrent stess li kien jirranġa u jikkordina r-roster biex jakkomoda lilu nnifsu u hi kienet tħallih. Hija qalet li bħala payslips kienu jtuh karti miktubin bil-biro u kull meta stqsietu kienx hemm xi problema , kien jgħidilha li m'hemmx problemi.

B’referenza għall-ġurnata tat-terminazzjoni hija qalet li kellu jidħol xogħol u ma riedx jidħol mingħajr ma taha raġuni valida, izda qallha li ma setax. Hija staqsietu hux marid u hu weġibha li hu qatt ma jkun marid. Qallha biss li se jidħol l-għada x-xogħol. Hija qalet li lil zewġha kien qallu li s-Sibtijiet irid jaqla’ aktar flus. Hija qalet li kieku qallha forsi ġralhom xi ħaġa t-tfal kienet taċċetta bħal ma ġielu bagħtitu, jew lill-mara tiegħu, jew xi raġuni valida oħra, izda hu baqa’ jgħidilha li ma jridx jidħol u se jidħol l-għada. Qalet li kellha tiddobba b’wieħed li kien għadu jibda u bla esperjenza u minkejja li kellha ħanut mimli u kien se jkun hemm il-festin tat-tifel tagħha stess għax kien għeluq zmienu. Hija qalet li t-tifel minflok iċċelebra kellu jagħmel xogħol ir-rikorrent u qagħad wara l-bar. Hija qalet li jekk ried jaħdem ta’ security wkoll ma kellix problema, imma ta’ l-anqas jinzel part-time u ddaħħal lil xi ħadd ieħor full time. Hija qalet li d-deċizjoni li jitwaqqaf mix-xogħol ħadha hu għax hi qaltlu biex jidħol u hu rrifjuta u allura talbitu ċ-ċwievet.

Joe Versin b’affidvit fil-kapacita’ ta’ klijent regolari tas-soċjeta’ ntimata, qal li hu u martu kienu kljenti regolari u dejjem jokkupaw l-istess mejda li tiġi quddiem il-counter u ġieli kien ikollhom jibbukkjawha minn qabel. Ix-xhud qal li lir-rikorrent kienu jafuh bħal ma kienu jafu l-istaff l-ieħor. Huwa spjega kif kellu karattru li jimbuttak, jitkellem bil-lingwa tiegħu biex ma jinftiehemx. Kien juri attitudni ta’ arja mal-impjegati kollha l-oħra u jqatta’ ħin twil fuq il-mobile. Meta kien imissu wara l-bar kien il-hin kollu jikkmanda lill-oħrajn u ma jiċċaqlaqx minn wara l-bar. Dan, qal ix-xhud, seta’ jarah b’għajnejh stess. Anke meta kien ikun hemm ħafna klijenti, xorta ma kienx jiċċaqlaq u jkompli jgħajjat mal-impjegati l-oħra.

Alexei Zammit li jiġi t-tifel tal-padrun tas-soċjeta’ ntimata, b’affidavit qal li hu kien ukoll jghin fil-Coral Cafe u kien jagħmel minn kollox, li jkun hemm bzonn. Huwa qal li r-rikorrent kien moħħu biex jagħti l-ordnijiet, ma kienx jimla’ l-bar bix-xorb u l-għada filgħodu ma jkunx hemm xorb kiesaħ u jqatta’ ħafna ħin fuq il-mobile. Ix-xhud qal li r-rikorrent għazel li Sibt minnhom ma jidholx għax-xogħol u hu kellu jaħdem minfloku u b’hekk ma setax ikompli mal-familjari li magħhom kien se jiċċelebra għeluq zmienu.

Għall-kontreo-ezami x-xhud ikkonferma li r-rikorrent dejjem kien jidħol xogħol is-Sibt.

Ikkonferma wkoll li wara l-inċident tat-12 ta’ Ottubru ma kienx hemm aktar kuntatt bejniethom.

Vincent Zammit b’affidavit qal li hu fetaħ il-ħanut fl-2011 u dejjem mexa sew mal-ħaddiema u ttrattahom bħala ħbieb. Huwa qal li għall-bidu r-rikorrent beda jaħdem bħala part-timer u mbagħad talab li jiġi full time u wera x-xewqa li jaħdem bħala barman. Ix-xhud qal li kellhom iġibulu permess biex jaħdem għax ma kellux nazzjonalita’ fi ħdan l-Unjoni Ewropeja. Qal ukoll li r-rikorrent kellu l-pjan li martu takkwista passaport Bulgaru. Huwa qal li propja meta l-mara tar-rikorrent akkwistat dan l-passaport, beda l-inkwiet għax ir-rikorrent ma baqax jagħmel xogħlu kif kien jagħmlu qabel. Ix-xhud qal li r-rikorrent iddeċieda li jibqa’ wara l-counter bħala barman u ma joħroġx minn warajh għall-ebda raġuni tant li ġieli café kien ikun lest u jibqa’ hemm sakemm jiksaħ minflok iservih lill-klijenti. Qal ukoll li xi drabi dawwar it-tabella tal-ħanut biex jindika li l-ħanut għalaq qabel il-ħin u anke kien hemm drabi li tella’ s-siġġijiet fuq

l-imwejjed bl-intiza li jnaffar il-klijenti qabel il-ħin tal-għeluq. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrent kien jieħu xahar leave fis-Sajf bejn Lulju u Awwissu u kien iħallsu bil-quddiem. Qal ukoll li darba hu nnifsu kien imsefer u ħalla lir-rikkorent in-charge. Kien hemm qtugħ fil-provista tal-elettriku u r-rikorrent telaq minn fuq l-post u ħalla kollox f'idejn impjegata oħra li ma kienitx taf x'għandha tagħmel. Ix-xhud qal li r-rikorrent telaq minn jeddu u l-aħħar ġurnata ma daħalx għax-xogħol għax ried imur jagħmel xogħol ieħor.

Għall-kontro-ezami x-xhud qal li fil-bidu r-rikorrent kien jaħdem miegħu bħala part-timer u wara talbu biex jagħmlu full time. Huwa qal li għamel madwar sena u nofs part-timer u tliet snin full time. Huwa kkonferma li qatt ma tah twissijiet bil-miktub. Qal ukoll li ma baqax jiffirmalu kuntrtt kull sena biex iġedded l-ID card u jkun jista' joqghod Malta, meta l-mara tar-rikorrent ġabet passaport Bulgaru u allura din il-ħtieġa ma baqgħetx. Ix-xhud qal li hu kwazi kuljum kien ikun fil-ħanut. Qal ukoll li għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħaxija (10pm) jew qabel, jekk ma kienx ikun hemm nies kien jagħti permess lir-rikorrent biex jagħlaq, fost il-ġimgha. Qal ukoll,izda, meta kien jillarga u jerġa' jgħaddi jsib li għalaq qabel il-ħin u dan kien ikun anke għal xi d-9pm jew d-9.15pm. Huwa kkonferma li kien jaffrontah għala għalaq kmieni, minkejja li ma kienx itih twissijiet bil-miktub u seta' wkoll jarrah mill-kamera minn fuq il-mobile. Huwa kkonferma li minkejja kollox kellu jiddobba bih u ma keċċiehx għax ma kellux b'min jaħdem. Huwa qal ukoll li fil-11 ta' Ottubru kienet l-aħħar ġurnata li daħal xogħol għax fit-12 ta' Ottubru li kien is-Sibt ma marlux xogħol. Ix-xhud qal ukoll li l-Ħamis ta' qabel kien qallu li ma riedx jaħdem aktar Sibtijiet u ried jaqla' aktar flus. Ix-xhud qal li lir-rikorrent qallu li ma setax izidu aktar għax jekk jagħti lilu irid izid ukoll lill-ħaddiema l-oħra wkoll. Is-Sibt stess bagħat jgħidlu li mhux dieħel. Ix-xhud qal ukoll li kien diġa ħa l-leave kollu ta' sena sħiħa minkejja li kien għadha ma spiċċatx is-sena.

Elaine Muscat b'affidavit qalet li hi klijenta regolari tas-soċjeta' ntimata, kienet tmur spiss speċjalment fil-weekends. Hija qalet li r-rikorent kien kien jagħlaq l-ħanut qabel l-ħin u darba minnhom meta qamet biex tħallas qallha biex tħaffef għax kien mgħaġġel għax ried imur jagħmel xogħol bħala security ġewwa Paceville.

Charles Calleja b'affidavit qal li hu klijent regolari tas-soċjeta ntimata. Huwa qal li kien isib il-ħanut magħluq qabel il-ħin u ġieli ra lir-rikorrent itella' s-siġġijiet fuq l-imwejjed qabel il-ħin u darba minnhom kien għad fadal xi siegħa biex il-ħanut jagħlaq, izda r-rikorrent qallu li l-magna tal-kafe issa magħluqa.

Petar Angelovski meta xehed qal li hu mill-Maċedonia u qatt ma kien interessat li jaħdem bħala barman, izda ġie sfurzat jagħmel hekk. Huwa qal li kkwalifikat ħafna bħala waiter izda bħala barman ma jaf xejn. Qal ukoll li s-soċjeta' ntmata nsistiet li tħarrġu f'dan il-mistier. Huwa qal li ħadd ma sabu bħala barman għax dan trid tħallsu aktar. Qal ukoll li hu personalment qatt ma ingħata ħlas tal-overtime, u kien jaħdem madwar 50 siegħa fil-ġimgħa. Qatt ma ngħata bonus kif suppost u qatt ma ngħata payslip. Kienet l-insistenza kontinwa tiegħu biex jingħata payslip meta daħħal lit-tifla l-isptar, li mbagħad ipporvdewlu 3 payslips, l-unika tlieta li għandu f'ħames snin ta' ingaġġ. Ix-xhud qal ukoll li ħadd ma kien jissaporti jaħdem u għandu provi ta' ismijiet ta' madwar mitt persuna sew Maltin u baranin li kienu jiġu u jitilqu wara ftit għax ma

kienux jissaportu l-kundizzjoniiet. Hu minn naħa tiegħu staporta għax għandu zewgt itfal u ma jridx iħarbtilhom l-iskola. Qal ukoll li l-anqas biss għandu kuntratt ta' mpjieg. Ix-xhud spjega kif qatt ma falla Sibt wieħed, u kien jidħol kwazi l-Ħdud kollha u l-festi kollha. L-unika Sibt li ma daħalx li wassal għat-terminazzjni kien l-unika darba u li anke sab sostitut biex jidħol minn floku. Huwa qal li għall-akkuza li hu kien jagħti l-ordnijiet, qal kellu l-inkarigu jieħu ħsiebhom hu għax l-impjegati li kienu jiġu ngaġġati la kienu eseperjenzati u l-anqas jafu Ingliz. Qal ukoll li meta kien jitlaq qabel l-oħrajn kienet tkun il-ġurnata li hu jkun daħal l-ewwel ix-xogħol u kien ikun għamel għaxar siegħat.

Qal ukoll li ma setax għalaq il-ħanut qabel il-ħin għax Vince kwazi dejjem kien ikun prezenti fil-ħanut, inkluz il-weekend. Qal ukoll li Vince stess ġieli qallu biex jagħlaq qabel il-ħin meta ma jkunx hemm nies u jgħidlu għax għalxejn qegħdin hawn.  Ir-rikorrent qal li hu minn naħa tiegħu kien hemm xi drabi li għamel l-istess fuq inizjattiva tiegħu meta jkun hu xogħol meta nzerta l-istess ċirkostanzi, jiġifieri ma jkunx hemm klijenti fil-ħanut. Ix-xhud qal ukoll li qatt ma setgħu hu u l-impjegati l-oħra jieħdu ġurnata leave minħabba nuqqas ta' mpjegati u kwantita' ta' siegħat. Biex jieħdu leave kellhom ipattu għaliha huma stess billi jaħdmu sittax - il siegħa biex persuna minnhom tieħu waħda leave. Ix-xhud qal ukoll li hu mhux telaq minn jeddu izda dak inhar li ma marx għax-xoghol fit-12 ta' Ottubru 2019, irċieva messaġġ minn għand Alexei fejn qallu : " Why  you don't  come  you piece of shit?"  Ir-rikorrent qal li ċempel lill-omm Alexei, Denise u din qaltlu x'tippretendi la ma dħaltx għax-xogħol.

Hija qaltlu wkoll li Alexei jinsab irrabjat ħafna u qed jaħlef u jgħajjat bir-rabja. Ir-rikorrent qal li hu biex jevita li jiġu fl-idejn mar ta ċ-ċwievet li talbu lilu lill-pulizija. Huwa qal li ħalla kopja taċ-ċwievet tal-ħanut li kienu fdati lilu mal-pulizija.

Għall-mistoqsija tal-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li għandu l-provi ta' madwar mitt persuna li ġew u telqu u ma staportewx jaħdmu hemm. F'seduta oħra u waqt kontro-ezami enfasizza li għamel zmien jaħdem mit-Tnejn sal-Ħadd aktar minn sittin (60) siegħa u ma kienx jitħallas ta' over-time, u l-anqas tal-vaganzi izda kien jiġi uzat bħal skjav. Qal ukoll li qatt ma rċieva payslip. Ix-xhud ikkonferma li kif irreġistra fl-aħħar xhur mal-JobsPlus li għandu part-time. Qal ukoll li kien għadu ma bediex għax kien qiegħed fil-fazi li jipprepara biex jiftaħ għal rasu, u qatt ma beda dan ix-xogħol il-ġdid, qabel ma spiċċa minn mas-socjeta'. Ix-xhud ikkonferma li dejjem mar għax-xogħol anke jekk kien ikun bid-deni u f'ħames snin, qatt ma falla, ħlief darba dak is-Sibt li tkeċċa.

Ix-xhud fl-istess kontro-ezami qal li l-mara tiegħu darba qallha biex tmur tgħinu, kien is-Sibt u għax ma kellhomx b'min jaħdmu.

Ix-xhud spjega li fil-messaġġi minn x'ħin informa lil Alexei li ma setax imur sa x'ħin bagħat jgħidlu biex ilestilu t-termination letter, kienu fil-fatt laħqu għaddew aktar minn sagħtejn, li fihom kien ikkomunika mal-proretarja Denise u hi stess qaltlu biex ma jesaqx l'hemm għax jinqala l-inkwiet u qaltlu wkoll biex irodd iċ-ċwievet. F'dan il-komunikat Denise qaltlu jew tiġi jew inkeċċik. Fl-istess ħin qaltlu biex irodd iċ-ċwievet izda ma jersaqx l'hemm għax se jinqala' l-inkwiet.

Ix--xhud qal li kien jaf li seta jinqala' l-inkwiet għax is-sid normali kien jiġġieled mal-impjegati minħabba li ma kienx itihom payslips. Qal ukoll li minkejja li kien hemm ambjent ostili, bilfors kellu jaħdem inkella jitlef iċ-ċans li jgħix Malta.

Huwa spjega kif meta martu ġabet passaport Ewropew seta' jiftaħ għal rasu u jkollu l-bussiness tiegħu bħala part-time. Izda ma riedx jitlaq l-impjieg mas-soċjeta' qabel ma jiftaħ tiegħu. Qal ukoll li mal-lejl kien jagħmel part-time x'imkien ieħor.

Louis Buhagiar rapprezentant tal-JobsPlus ipprezenta l-Employment History tar-rikorrent. Ix-xhud qal li r-rikorrent qatt ma rreġistra jew li kien qed ifittex xi xogħol u dan għax mal-ewwel mar self-employed.

Mary Grace Cassar mid-DIER, qalet bħala compliance officer, li r-rikorrent kien jaħdem mas-soċjeta' bħala barman/waiter bejn il- 5 ta' Settembru 2016 u 12 ta' Ottubru 2019 sakemm ġie mwaqqaf mill-impjieg mis-soċjeta'. Hija qalet li nhar it-18 ta' Ottubru 2019 fetaħ kaz fid-DIER biex jikklejmja l-pagi baziċi tiegħu bejn is-7 ta' u 12 ta' Ottubru; pro-rata tal-bonuses; overtime u kif ukoll, pagamenti għal Ħdud u festi pubbliċi skond il-liġi. Hija qalet li mill-investigazzjonijiet li saru ġie stabbilit li hu dovut elfejn u sitt mija u tnejn u sittin ewro (€2662, 89). Hija qalet li fl-istatement of account hemm l-ammonti kollha dovuti għas-snin 2016, 2017 u 2018 u 2019.

**<u>SOTTOMISSJONIJIET</u>**

Is-Soċjeta' tgħid illi fit-12 ta' Ottiubru 2019 ċertu Petar Angelovski minkejja li kellu jiraporta għax-xogħol għazel illi ma jirraportax u minflok bagħat messaġġ lill-intimat u lill-mara tiegħu fejn qallhom illi huwa ma kienx ser jirraporta għax-xogħol izda kien ser jibgħat lil xi ħadd minfloku. In vista ta' dan, hu u martu talbu lir-rikorrenti jirritorna ċ-ċwievet tal-post. Jgħid ukoll li r-rikorrent qed isostni illi l-fatt li ntalab jirritorna ċ-ċwievet kien ifisser illi huwa qed jiġi mkeċċi. Għall-ewwel r-rikorrent kien jagħmel xogħol tajjeb meta ġie mpjgat fis-sena 2016, propju f'Settembru. Is-soċjeta' tatu l-għajnuna biex minn waiter jibda' jaħdem wara l-bar. Izda maz-zmien beda jagħmel li jfettillu fosthom jagħlaq il-ħanut kmieni u kien imur jaghmel xogħol ieħor meta suppost kien ikun fil-Coral Café. Is-soċjeta' tgħid li qatt ma setgħu jieħdu passi biex jitterminawlu l-impjieg għax kien zmien diffiċli ħafna biex isibu ħaddiema ġodda. Fil-fatt dan il-biza' kien reali u wara li r-rikorrent waqaf jaħdem magħhom, kellhom jagħlqu l-ħanut.

Fil-ġurnata in kwistjoni, meta ma marx għax-xogħol, ir-rikorrent għazel li jinfurmahom b'messaġġ fuq il-mobile. Is-soċjeta' tħoss li ma kien hemm ebda raġuni valida għala ma tahomx spjegazzjoni talli ma kienx sejjer għax-xogħol. Is-soċjeta' tgħid ukoll li ma setax japplika għal-leave għax kien laħaq ħadu kollu. Kienet is-soċjeta' stess li talbitu jħalli ċ-

ċwievet mal-pulizija u tgħid ukoll li ma nġabet l-ebda prova  illi l-konvenut kien ser ikun agressiv.

Is-soċjeta' tgħid ukoll li ma kienx kumbinazzjoni li r-rikorrent irreġistra lilu nnifsu bħala part-time self-employed ftit taz-zmien qabel ma seħħ dan l-episodju partikolari li wassal għat-tkeċċija, liema tkeċċija kienet waħda informali fejn l-unika ħaġa li ntalbet mill-konvenuti kienet dik li jiġu ritornati ċ-ċwievet.

Ir-rikorrent mill-banda l-oħra jgħid illi kien impjegat tas-soċjeta' ntimata għal izjed minn tliet snin fil-5 ta' Settembru 2016 huwa beda jaħdem bħala waiter mas-soċjeta' ntimata u kien ukoll jagħmel xogħol ta' barman fl-istess stabliment. Huwa jgħid li kien fdat tant li kellu fil-pussess tiegħu ċwievet tal-post u ħwejjeg sensittivi oħra. Matul is-snin qatt ma rċieva  twissijiet.

Fit-12 ta' Ottubru 2019 ir-rikorrent ma setax imur xogħol minħabba raġunijet personali u għaldaqstant informa lis-sidien li ma setax imur u kien ikkordina sabiex kollega tiegħu tidħol minfloku għal dak il-jum li għalih ma setax imur hu. Dak inhar stess ir-rikorrent irċieva messaġġ mingħand it-tifel tas-sid fejn għajjru bi kliem  degredanti li dwaru sar ukoll rapport l-għassa tal-pulizija. Dak inhar stess ir-rikorrent intalbulu ċ-ċwievet tal-ħanut biex ma jerġax jidħol lura għax-xogħol u li l-impjieg tiegħu kien qed jiġi tterminat b'mod immedjat. Ir-rikorrent għadda ċ-ċwievet lill-pulizija dak inhar stess. L-aħħar ġurnata tal-impjeg tiegħu kienet is-16 ta' Ottubru 2019.

Ir-rikorrent jghid ukoll li kien jaħdem siegħat twal, fil-maġġoranza iktar minn erbgħin (40) siegħa fl-ġimgħa, izda qatt ma oġġezzjona għaliex xogħlu kien jagħmlu mill-qalb. Rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol li kellu, r-rikorrent jgħid li prezentement  għadhom għaddejjin proċeduri kriminali fil-konfront ta' Vincent Zammit u dan wara li sar rapport  minnu lid-DIER li pproċedew fil-konfront tal-istess Vincent Zammit. Sad-data tas-sottomissjoni tal-prezenti nota ta' sottomissjonijiet għad ma kienx hemm sentenza f'dan ir-rigward.

Ir-rikorrent jgħid li l-punt kruċjali fil-kawza jirrelata dwar it-tkeċċija nġusta li seħħet fil-konfront tiegħu, ħaddiem li għal snin ħadem qatigħ sabiex jagħti l-aħjar servizz u li safa' mkeċċi. Huwa l-anqas kuntratt tax-xogħol ma kellu. Huwa jgħid li s-siegħat matul il-ġimgħa ġieli telgħu għal sittin (60) siegħa u b'rata fissa kif jindikaw il-biċċiet ta' karti li kien jingħata fl-aħħar tax-xahar minflok payslip kif titlob il-liġi.

**<u>Deċizjoni</u>**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeċiedi  jekk  it-talba  tar-rikorrent  u  li  saret  nhar  il-11  ta' Frar 2020, li l-kuntratt ta' mpjieg ġiex terminat għal raġunijiet inġusti, u tenut kont ġħaxar fatti li ħarġu waqt dan il-proċess u ċjoe :

Li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjeta' ntimata sa mill-5 ta' Settembru 2016, bħala waiter u anke jattendi wara l-bar u jieħu ħsieb il-cash, jiftaħ u jagħlaq il-ħanut skond il-bzonn;

Li r-rikorrent kien għall-bidu jagħmel xogħlu sew f'għajnejn is-soċjeta'u s-soċjeta' tant kienet kuntenta bih li bdiet tafdalu aktar responsabbilitajiet;

Li meta l-mara tar-rikorrent ġabet passaport Ewropew seta' jaħdem biex isib impjieg alternattiv u aħjar billi jiftaħ għal rasu ;

Li kien beda dawn il-preparamenti izda ma kienx għadu beda jaħdem għal rasu u f'dan l-istadju xtaq li jkompli jaħdem mas-soċjeta' ;

Li ma għamel xejn fil-ħabi tant li hu stess mar jirreġistra mal-JobsPlus meta għamel ħsieb jaħdem għal rasu u rreġistra lilu nnifsu bħala part-time self-employed ;

Li fil-ġurnata li ntemm l-imjieg tiegħu huwa ma attendix għax-xogħol minħabba raġuni personali u bagħat persuna oħra taħdem minn floku;

Li l-ġurnata li ma attendix jidher li kienet eċċezzjoni fiz-zmien li ħadem mas-soċjeta' f'kundizzjonijet li ma jagħmlux ġiegh lil min iħaddem ;

Li fit-12 ta' Ottubru, 2019 talab lis-soċjeta' ttih ittra ta' terminazzjoni u l-aħħar tliet payslips u qallhom ukoll li ma xtaqx li jidħlu l-qorti u dan wara li ġie mhedded li jew jidħol xogħol dak in-nhar jew jitkeċċa ;

Li din kenet ukoll il-ġurnata li s-soċjeta' ntimata talbitu lura ċ-ċwievet tal-ħanut jekk ma kienx bi ħsiebu jmur għax-xogħol u intqal lilu biex ma jersaqx l'hemm għax jinqala l-inkwiet ;

Li l-ambjent u s-sistema fejn kien jaħdem hija waħda li tati lok għall-abbuz fejn ma hemm l-ebda sistema ta' kif tapplika għall-leave jew sick-leave, jew kif jiġi rekordjat l-ammont ta' siegħat li jkunu nħadmu, inkluz l-ovetime, bonuses, u xogħol fil-festi pubbliċi.

It-Tribunal f'dan il-kaz huwa affaċjat b'terminazzjoni li r-raġuni li nġabet kienet abbandun tal-post tax-xogħol, fil-fatt ma kien abbandun xejn. Mill-provi li tressqu hawnhekk għandna kaz ċar ta' sistema li qed tati lok għal abbuz sfrenat minn ħaddiema barranin li ma jkunux ġejjin minn pajjiz Ewropew. Sistema li hija faċli li minnha wieħed jabbuza minn dawn il-ħaddiema

għax jafu li jekk ix-xogħol tagħhom jiġi tterminat, ma jkunux jistgħu jibqgħu aktar jgħixu f'Malta.

It-Tribunal qed jieħu din l-opportunita' biex jappella lill-awtoritajiet isibu mezz kif jirregolaw din is-sistema li bla dubbju kellha ntenzjoni tajba ta' kontroll fuq persuni li jiġu biex jaħdmu Malta, izda l-impjiegi qed jintuzaw biex isir abbuz sew mill-ħaddiema u sew mill-kundizzjonijiet li qed jinkisru bl-addoċċ. F'sistema bħal din mhux l-impjegat biss qiegħed isofri izda qed isir ħsara tremeda lis-soċjeta' nġenerali u dan għax l-ebda ħaddiem Malti, jew ukoll l-ebda ħaddiem li jkun ġej minn pajiiz u b'ċittadinanza Ewropeja, mhu se jaċċetta jaħdem f'dawn il-kundizzjonijiet. Jifdal għalhekk dawn il-ħaddiema biss li jkollhom jaħdmu f'dawn il-kundizzjonijet tal-mistħija li ma jagħmlu l-ebda ġieħ lil min iħaddem u wisq iktar li min ikun qed jiġi abbuzat.

Fil-kaz odjern għandna ħaddiem li ġej minn pajjiz terz li qed jgħix mal-familja tiegħu hawn Malta. Ġaladarba Malta fetħitlu l-bibien huwa d-dover tal-pajjiz u l-awtoritajiet ikkonċernati li jaraw li ma jsirx abbuz miċ-ċirkostanzi li jkunu fihom. Dan it-Tribunal li huwa wieħed li jara u jisma' kawzi ta' natura Industrijali, ma jistax jagħlaq għajnejh meta jiġi affaċjat b'sistema li fiha propju l-impjiegi u d-dinja tax-xogħol qed tkun strument ta' illegalitajiet u abbuz sal-livell inuman.

It-Tribunal sema' kif ġie tterminat ir-rikorrent li minkejja s-soċjeta' qed tgħid li hu nnifsu abbanduna l-post tax-xogħol, ħareġ ċar milli ntqal lilu li jekk f'dak il-jum , 12 ta' Ottubru, ma jmurx xogħol kien se jitkeċċa, anzi 'jew tiġi għax-xoghol jew inkeċċik'. Is-socjeta' hawn uriet li anqas idea m'ghandha ta' kif titratta impjegat. S'intendi qabel dan l-episodju kellna provi u xhieda dwar sensiela twila ta' abbuzi bħal siegħat twal li r-rikorrent kellu jaħdem, anke meta kien ikun ma jiflaħx, siegħat twal li ma kienux riflessi fil-paga. L-anqas ma kien jiġi pprovdut b'payslips kif teziigi l-Ligi Sussidjarja 452.116. Ma jezisti l-ebda rendikont tas-siegħat maħduma, over-time jew bilanċ tal-leave.

Minkejja dan in-nuqqas serju, s-soċjeta' tgħid li qabad u ħa l-leave mingħajr ma nfurmahom qabel. Akkuza kwazi tmiss mal-medjokri meta f'dan il-post tax-xogħol partikolari ma tezisiti l-ebda sistema li tirregola l-impjieg, l-anqas kif wieħed japplika għall-leave.

Jekk niġu għall-fatt li r-rikorrent meta qallhom li mhux sejjer izda sabilhom sostitut, għal wieħed tnejn, it-Tribunal ma jistax jifhem kif is-soċjeta' qed takkuzah li għamel xi ħaġa irregolari. Kien propju fdat lilu, lir-rikorrent, li jikkordina l-ħaddiema l-oħra, kien fdat lilu l-ftuħ u l-għeluq tal-istabbiliment, tant li kellu ċ-ċwievet tal-ħanut. Kien ukoll fdat lilu z-zamma tal-flus.

Għall-akkuza li kien qed jipprepara biex xi darba jitlaq u jkollu l-bussiness tiegħu u dan seta' jiġri issa li l-mara tiegħu ġabet passaport Ewropew, mhix xi delitt, anzi fil-fehma ta' dan it-Tribunal kienet l-unka ħaga flokha u li bniedem serju kellu jagħmel f'dawn iċ-ċirkostanzi. Ma

hijix xi ħaġa kontra l-liġi li ħaddiem jirsisti biex itejjeb il-pozizzjoni tiegħu, u jekk din il-possibilita' ma dehret imkien fl-impjieg li kellu, hija xi ħaġa naturali li wieħed jaħseb għal impjieg alternattiv. Mhuwiex il-kaz li r-rikorrent għandu jiġi kkastigat għax beda jaħseb biex isib xogħol alternattiv għal wieħed li kellu li fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ma kien jixraq lil ħadd. Mhux ta' b'xejn meta r-rikorrent ġie tterminat, is-soċjeta' għalqet l-istabbilitment għax skond kif ħareġ mill-provi, ma sabu lil ħadd aktar li ried jaħdem f'dawn il-kundizzjonijiet. Dan it-Tribunal jiskanta kif ir-rikorrent dam daqshekk jistaporti dawn iċ-ċirkostanzi, imma jifhem li litteralment kien dahru mal-ħajt u ma kellux alternattiva, jekk mhux dik li jirritorna minn fejn ġie. Din ta' l-aħħar tizbilanċja bil-kbir ma' kull attentat biex jiġu rregolati l-impjiegi u l-ħarsien tal-kundizzjonijiet skond il-liġi.

Rigward twissijiet, lil dan it-Tribunal ma rrizultalu li ma saru l-ebda twissjiet. Imkien ma ntqal lir-rikorrent la bil-fomm u l-anqas bil-miktub li qed jintwera lilu u tinġibidlu l-attenzjoni fejn qed jizbalja u wkoll ma ntqalx lilu li jekk mhux se jtejjeb xogħlu u/jew l-atttudni dan se jwassal biex ikollhom jitterminawlu l-impjieg. Il-funzjoni ta' twissija hija propju li jintwera lill-impjegat x'qiegħed isir ħazin u x'konsegwenzi jistgħu jirrizultaw jekk wieħed jippersisti fl-istess għaġir li għalih tkun qed joġġezzjona min iħaddem. Fid-Decizjoni 2256 fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn Carmelo k/a Charles Borg u Dragonara Gaming Limited datata 4 ta' Diċembru 2013, it-Tribunal divers jghid li :

'Twissija hija element importanti fil-qafas dixxiplinarju u għandha għaldaqstant tingħata importanza. It-Tribunal iggwida ruħu mid-definizzjoni li ngħata fil-każ Plasticers Ltd vs Harold Amos deċiża l-Ingilterra mill-Employment Appeals Tribunal fejn intqal testwalment "warning is only shorthand for steps which ought to be taken by the management and could otherwise be described... as efforts to try to make the employee change, and an indication to him of the consequences if these efforts are unsuccessful"

Jekk issa nħarsu lejn il-ġurnata partikolari li fiha ntemm l-impjieg, ukoll mhix pjaċevoli kif seħħew l-affarijiet. Li min iħaddem ikun irid jiddixxiplina l-ħaddiema tiegħu, wieħed jifhimha, imma mhux għas-skapitu ta' abbuz bla razan. Min iħaddem jista' jagħti twissijiet, xi ħaġa li ma tistax titwemmen anke jekk saret xi waħda bil-fomm, matul iz-zmien li dam jaħdem hemm. Dan it-Tribunal ma jistax jemmen kif jista' jkollok id-diċenza tesiġi li ħaddiem izomm ma xi regolament jekk hu stess kien qed jopera sistema abbuziva w inumana.

F'dan it-taħwid ta' siegħat u nuqqas kbir ta' apprezzament tal-ħaddiema, ma tagħmilx sens li takkuza li r-rikorrent abbanduna l-post tax-xogħol, għax qallek li ma jistax jiġi u se jibgħat sostitut. Mill-provi ħareg ċar li r-rikorrent ħadem is-Sibtijiet kollha bla eċċezzjoni ħlief il-wieħed li fih ġie tterminat. Għal Sibt wieħed fi tliet snin ingħata l-oghla forma ta' piena, il-piena massima, dik kapitali. Dan it-Tribunal mhux l-ewwel darba li saħaq li meta l-impjegat jiġi affaċjat b'akkuzi li tagħhom jingħata din il-piena massima, irid ikun hemm proċess serju fejn fih l-istess ħaddiem ikun ingħata ċ-ċans kollu jidefendi lilu nnifsu u fin -nuqqas ta' dan, tkun qed tiġi vjolata l-ġustizzja naturali. Għal dan it-Tribunal, ġie tterminat bl-aktar mod abbuziv meta ntqal lilu li jew jidħol xogħol jew jitkeċċa. Agħar minn hekk jintqal lilu biex jirritorna ċ-ċwievet izda ma jersaqx l' hemm għax jinqala' l-inkwiet. Kien għalhekk li r-rikorrent irritorna ċ-ċwievet għand il-pulizija.

Għaldaqstant u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' kif seħħew f'dan il-kaz, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li tterminazzjoni kienet waħda mhux skond il-liġi u qed jillikwida l-kumpens għas-somma ta' tliet elef, erba' mija disa' u sittin ewro u erbatax il-ċentezmu ta' ewro (€3,469.14) li għandha tingħata mis-soċjeta' lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data tal-lum.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Doreen Parnis**

**Chairperson**